

Brussell, 12 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10972/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0251(NLE)

ATO 47
CADREFIN 150

NOTA PUNT "I"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja (il-programm Ignalina); u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013 <i>- Konsultazzjoni fakultattiva tal-Parlament Ewropew</i>

1. Fit-13 ta' Ġunju 2018, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm ta' assistenza għad-dekummissjonar nukleari tal-impjant tal-enerġija nukleari ta' Ignalina fil-Litwanja (il-programm Ignalina); u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1369/2013¹.
2. L-Att tal-Adeżjoni 2003, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 4 li fuqu hi bbażata l-proposta, ma jeħtieġx l-opinjoni tal-Parlament Ewropew.

¹ Dok. 10128/18.

² L-uniku għan ta' din in-nota huwa li tittieħed deċiżjoni dwar il-konsultazzjoni ta' istituzzjoni/korp ieħor u mhux dwar is-sustanza tal-proposta.

3. Madankollu, minħabba s-suġġett tal-proposta, u l-fatt li għal proposta simili għal *Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi programm finanzjarju dedikat għad-dekummissjonar ta' faċilitajiet nukleari u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1368/2013* it-Trattat jeħtieġ l-opinjoni tal-Parlament Ewropew, hu kkunsidrat adatt li l-Parlament Ewropew jiġi kkonsultat fuq bażi fakultattiva.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 19(7)(h) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill³, li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew dwar il-proposta ta' hawn fuq u jitolbu jaġti l-opinjoni tiegħu mill-iktar fis possibbli.

³ Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu ĠU L 325, 11/12/2009, p. 35.